**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

9 ta' Jannar, 2022

# IL-MAGĦMUDIJA

Kristu tgħammed fix-Xmara Ġordan. Din il-ġrajja tfakkarni meta f'xi nħawi fil-parroċċa, fil-Brażil, kont ngħammed lit-tfal bl-ilma tax-xmara. Niftakar post partikolari bogħod mill-belt, fejn l-ilma kien ikun nadif kristall, l-art tax-xmara kienet blat tal-granit lixx.

Kien hemm blata li kienet tiżbokka 'l fuq mill-ilma u li madwarha n-nisa tal-inħawi kienu jaħslu l-ħwejjeġ u jnaddfu l-borom tal-aluminju bis-sapun u r-ramel.

U biex infisser x'inhi l-magħmudija kont ngħidilhom, min jgħammed jidħol jagħmel parti minn familja kbira li hi soda daqs din il-blata.



Min jitgħammed jixrob mill-ilma tal-ħajja u l-kelma ta' Kristu. Ilma li jaqta' l-għatx, l-istess kif jagħmel l-ilma ta' dix-xmara.

Min jitgħammed jitnaddaf minn kull ħtija, l-istess kif jitnaddfu l-ħwejjeg u l-borom maħmuġin.

Min jitgħammed jibda avventura bħala KRISTJAN bħall-kurrent li jwassal dan l-ilma ħelu sal-baħar.

Il-magħmudija li rċivejt tista' tibdlek u tista' lanqas tintebaħ biha. Ir-relazzjoni tagħna mal-magħmudija tixbah ir-relazzjoni max-xemx.

Tista' tħares lejn ix-xejn u tħalliha ddawwallek wiċċek u tagħmlek ruxxan.

Tista' wkoll tagħti dahrek lix-xemx u tikkuntenta ruħek bid-dellijiet li tara ma' kull pass li tagħmel.

Ejjew niżżuħajr 'l Alla li aħna Nsara u ngħixu bħala tali.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**IL-MUŻEW TAL-BNIET:** javża li minn nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar, il-bniet mill-Year 1 sa Year 6 ser ikollhom il-lezzjonijiet onlajn filwaqt li dawk minn Year 7 (Form 1) 'il fuq ser jiltaqgħu l-Mużew. Il-ġranet u l-ħinijiet jibqgħu l-istess.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** javża li fil-lotterija tal-pasturi tal-Għaqda tela' fihom James Muscat ta' Triq it-Tiġrija bin-numru 637 (AD 745574) kulur oranġjo.

**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**




Dawk li jixtiequ jabbonaw fir-rivista djoċesana *Il-Ħajja f'Għawdex*, li toħroġ kull xahar u tkun kollha bil-kulur, jistgħu jagħmlu dan għall-prezz ta' €21 fis-sena. Wieħed kulma għandu jagħmel hu jikteb ismu u l-indirizz, u jgħaddihom flimkien mal-ħlas fl-Uffiċċju Parrokkjali, inkella jżur il-paġna ta' Facebook: Il-Ħajja f'Għawdex fejn jista' wkoll jabbona onlajn.

**FTIT STATISTIKA**

Matul is-sena 2021 fil-knisja parrokkjali saru l-Magħmudijiet ta' 21 tifel u tifla. Dawn it-tfal bdew mixja bħala nsara dixxipli ta' Ġesù. Il-Magħmudija mhijiex biss azzjoni li nagħmlu fil-jum li aħna nirċevuha imma hija kelma mogħtija lil Ġesù li ngħixu skont l-aħbar it-tajba tiegħu matul il-ħajja kollha tagħna.

Matul is-sena 2021 sar 12-il Żwieġ fil-knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Nakkumpanjaw lil dawn il-koppji ġodda u nitolbu għalihom biex jgħixu ferħanin f'għotja totali lil xulxin u hekk ikunu l-Knisja ħajja li għandna bżonn.

Nitolbu għat-62 persuna li matul l-2021 ħallew din il-ħajja biex għaddew għal ħajja ġdida. Agħtihom o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am